MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 1265/2000/1

**Raca Limited**

**Vs**

**John Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundanat li jhallas l-ammont ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) rappresentanti l-ammont dovut skond ftehim (anness ma’ l-avviz bhala Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja datat 25 ta’ Lulju 2000 kontra l-konvenut u bl-imghax legali.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni, kif ukoll l-imsemmi ftehim esebit a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-istess atti) u li biha eccepixxa bir-rispett :-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-fond “Going Places” Ball Street, Paceville huwa gestit minn Jade Limited u ghalhekk l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. illi bla pregudizzju ghall-premess, is-somma mitluba mill-attur mhux dovuta peress illi dan l-ftehim sar bl-intiza illi wara r-rapprezentazzjoni kellu jsir riceviment fil-“Going Places”, Ball Street, Paceville li fil-fatt qatt ma sar u ghalhekk din il-kondizzjoni rizoluttiva tholl dak mitlub mill-attur.

3. Salv eccezzjonijiet ohra

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun illi, f’dan l-istadju issir referenza ghall-imsemmi <u>ftehim</u> anness mal-atti, skond l-istess ftehim, li hu bla data, jidher li Maria A. Attard f’isem is-socjeta’attrici kienet ftehmet ma’ John Tanti, il-konvenut u dan “<u>obo Going Places</u>” illi s-socjeta’ attrici “For the up-coming Spring/Summer ’00 fashion show” kienet obbligat ruhha illi, ghal din l-attivita’, tippromwovi esklusivament l-istabiliment “Going Place” billi bejn elf u elfejn “mail shots” jigu stampati fuq il-“logo” tal-istess stabiliment kif ukoll issir promozzjoni tal-istess stabbiliment ghall-“after party” ghal klijenti kollha tal-istess socjeta’ attrici fuq l-“esclusive marking list” ta’ din. In oltre l-istess “after party” kellu jkun reklamat fuq circa elf biljett ta’ din l-attivita’. In oltre s-socjeta’ attrici kellha tipprovdi “complimentary V.I.P. tickets” u jigi mxandar li l-istabbiliment imsemmi kien qed jagixxi bhala “sponsor” ta’ din l-attivita’ mill-istess ftehim kif mitlub dan l-istabbiliment ossia John Tanti kellu jhallas l-ammont pretiz fl-avviz “For the above Proposal”

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-ewwel eccezzjoni jidher car li l-konvenut kien iffirma l-istess ftehim f'isem stabbiliment kummercjali minghajr ebda personalita' guridika. In oltre mix-xhieda prodotti ma jidhirx li gie ppruvat li l-istess konvenut kien qed jagixxi f'isem xi kumpanija meta gie ffirmat l-isess ftehim jew qabel l-iffirmar. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tisax tigi akkolta in vista li l-konvenut iffirma "proprio" il-ftehim in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut jikkontendi li l-hlas tas-somma in kwistjoni kien soggett ghall-kundizzjonijiet stipulati u miftehma bejn il-partijiet, kif hawn fuq esposti Dwar dan ix-xhud id-direttur tas-socjeta' attrici Leonard Cassar (fol 14 et sec ibid) u skond dan "Fil-fatt ahna irrispetajna il-paragrafi kollha ta' dan l-agreement" inklusa l-promozzjoni tal-"after party" imsemmi fit-tieni klawsola. Luke Engerer (fol 21 et sec ibid) deskritt bhala koordinatur generali mas-socjeta' attrici ukoll xehed li "Dak kollu mitlub fil-kuntratt sar". Pero', avolja l-"after party" kien gie reklamat u organizzat, "ma tantx kienu marru nies" ghal dan. Di fatti l-konvenut ma riedx ihallas l-ammont involut fiz-zmien stipulat "…… minhabba li ma tantx kienu marru nies…". B'referenza ghall-kontro ezami ta' dan ix-xhud minnu jidher illi hu semma', b'mod aktar dettaljat kif fil-fatt, l-obbligazzjonijiet kollha assunti mis-socjeta' attrici, gew esegwiti skond l-istess ftehim.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut beda billi pproduca bhala xhud lil Sandro Pace Bonello (fol 40 et seq ibid) deskritt minnu bhala promotur mal-istess konvenut. Dan semma' illi kien sar dak kollu necessarju da parti tal-konvenut sabiex ikun jista' jinzamm l-"after party" imsemmi fl-istabbiliment involut li kien "rizervat ghan-nies kollha li kienu qed jattendu il-'fashion parade'". Di fatti hu kien attenda ghal dan il-"fashion parade" flimkien ma' persuna ohra, izda avolja "…. suppost li kellha zewg 'reserved seats'", bhala rapprezentanti tal-konvenut, hu sab illi ma kien hemm

ebda post rizervat u kellu joqghod bil-wieqfa. Jidher, skond ma xehed hu, illi “sa ghaxar minuti qabel ma spiccat il-‘fashion show’”, hu ma kien ra l-ebda “banner” in konnessjoni mal-post Going Places. Meta kien mar lura f’dan il-lokal, hu stenna li n-nies li attendew ghall-attivita’ msemmija jigu fl-istess lokal, pero’ izda kienu dahlu, biss, madwar ghaxar minn nies li wara ftit telqu ‘l hemm minflok il-mitejn ruh mistennija. Ghalhekk meta kien sar madwar in-nofs siegha ta’ filghodu, kien gie deciz illi l-istess lokal jinfetah ghall-pubbliku in generali. Neville Xuereb, direttur tas-socjeta’ li tiggestixxi l-lokal involut, xehed (fol 49 et seq ibid) illi il-konvenut kien talbu sabiex jilqa’ lin-nies li kienu ser jiffrekentaw dan l-“after party” u dan peress li l-konvenut “… kien ser isiefer”. Pero’ ghall-istess “party” ma kien gie hadd u ghalhekk kien telaq mill-istess lokal ghal habta tas-siegha ta’ filghodu. L-istess konvenut xehed, permezz ta’ “affidavit” li jinsab, a fol 57 ibid u dan sostna “… li l-‘after party’ ma sarx …….. minhabba l-fatt li Raca Limited naqset li taghmel dak li kellha taghmel u ggib in-nies ghall-‘after party’”. Di fatti kienu attendew biss madwar ghaxar minn nies u bhala konsegwenzi s-socjeta’ li tiggestixxi dan il-lokal kienet soffriet danni deskritti minnu bhala konsiderevoli. Fl-ahhar nett, hu sostna li “…. Raca Limited ma aderixxietx mal-obbligi taghha peress li ma kien hemm ebda ‘after party’”.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li hu minnu illi l-“after party” in kwistjoni bl-ebda mod ma kellu success minhabba li ma attendewx in-numru ta’ nies skond kif mistenni mill-konvenut u skond l-aspettativi ta’ dan.

Illi, pero’, ghandu jigi sottolineat illi ma ngiebet ebda prova attendibbli illi s-socjeta’ attrici ma ottempratx ruhha mal-kundizzjonijiet kollha skond kif miftiehma bejn il-partijiet u kif diga gew esposti “supra” (ara l-imsemmi ftehim esebit a fol 2 tal-atti). Di fatti ma giex ippruvat a sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi s-socjeta’ attrici ma esegwitx l-obbligi taghha a basi tal-istess ftehim u effetivament jidher li ghamlet dak kollu impost fuqha sabiex tippromwovi u tirreklama l-“after party” fil-lokal gestit mill-konvenut.

Illi, ghalhekk, il-konvenut hu obbligat da parti tieghu sabiex ihallas l-“isponsorship fee” li kellha tithallas fi zmien tletin jum mid-data tal-ftehim, li pero’ ma hiex imnizzla fuq dan id-dokument, izda hemm liema perjodu certament skada. Hawnhekk jigi sottolineat illi l-hlas ta’ dan l-ammont ma jidhirx li kien marbut mas-success tal-istess riceviment u minn dan il-lat, ma jidhirx illi dan in-nuqqas ta’ success u ta’ attendenza ta’ numru minimu ta’ nies skond kif pretiz u mahsub mill-konvenut, jistghu jigu kunsiderati bhala “kundizzjoni rizoluttiva” konness mal-hlas tal-istess somma.

Illi, ghalhekk it-talba attrici ghadha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm300 bl-imghax legali mill-14 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-25 ta’ Lulju 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------